MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 604/2007

**APS Bank Limited (C 2192)**

**vs**

**Daniel Cutajar (ID 96974M) u Claudette Cutajar (ID 315678M)**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' attrici ssottomettiet:

Illi permezz ta' kuntratt ta' self u bejgh fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-ghoxrin (20) ta' Marzu 2002, (Dok A) is-socjeta' attrici selfet lill-konvenuti Daniel Cutajar u

Claudette Cutajar, dak iz-zmien Zahra, solidalment bejniethom is-somma ta’ ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u dan sabiex l-istess konvenuti jkunu jistghu jixtru l-propjeta’ msemmija fl-imsemmi Att u dan taht il-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-istess Att.

Illi llum il-konvenuti Daniel Cutajar u Claudette Cutajar huma solidalment bejniethom debituri versu l-Bank attrici fis-somma ta’ ghoxrin elf, tlett mija u erbgha u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm20,364.78) rapprezentanti bilanc ta’ debitu tal-fuq imsemmija facilita’ ta’ self, dovuti kwantu ghas-somma ta’ tmintax -il elf, tmien mija u wiehed u ghoxrin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm18,821.96) bhala bilanc ta’ debitu ta’ Loan Account numru 13328632016 (Dok B), kif ukoll kwantu ghas-somma ta’ elf, hames mija u tnejn u erbghin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm1,542.82) bhala bilanc ta’ debitu ta’ Interest Disposal Account numru 20000343225 (Dok C) oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenuta Claudette Cutajar hija wkoll debitrici versu l-Bank attrici fis-somma ta’ hamsin lira u disghin centezmu (Lm50.90) u dan kwantu ghal disa’ u erbghin lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm49.57) bhala bilanc ta’ debitu ta’ Current Account numru 12439730018 (Dok D) u kwantu ghas-somma ta’ lira u tlieta u tletin centezmu (Lm1.33) bhala bilanc ta’ debitu ta’ Interest Disposal Account numru 20000432877 (Dok E), oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmija ammonti, nkluz permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati sebgha u ghoxrin (27) ta’ Dicembru 2005 u tlettax (13) ta’ Novembru 2006 rispettivament, izda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

(1 Tiddikjara illi l-konvenuti huma solidalment bejniethom debituri tas-socjeta’ attrici tas-somma ta’

ghoxrin elf, tlett mija u erbgha u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm20,364.78) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

(2 Tiddikjara illi l-konvenuta Claudette Cutajar hija wkoll debitrici tas-socjeta' attrici tas-somma ta' hamsin lira u disghin centezmu (Lm50.90) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

3) Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' ghoxrin elf, tlett mija u erbgha u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm20,364.78) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

4) Tikkundanna lill-konvenuta Claudette Cutajar thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' hamsin lira u disghin centezmu (Lm50.90) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidalment bejniethom inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-interessi ulterjuri mill-31 ta' Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti solidalment bejniethom millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-intimata Claudette Cutajar a fol. 19 li biha ammettiet it-talbiet tar-rikorrenti;

Rat li l-intimat Daniel Cutajar debitament notifikat baqa' kontumaci;

Peress illi mid-dokumenti ezibiti t-talba tar-rikorrenti hi gustifikata

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------